# KUNSILL LOKALI
# IL-MUNXAR

# RAPPORT ANNWALI AMMINISTRATTIV 2022

**WERREJ**


1. **REVIŻJONI TAX-XOGĦLIJIET** **2-5**
2. **IL-KUNSILL** **6**
3. **VARJAZZJONIJIET FID-DĦUL U L-INFIQ** **7-9**
4. **DIKJARAZZJONI RIKONĊILJATORJA BANKARJA** **10**

**IR-RAPPORTI DWAR IL-ĦIDMA TAL-MEMBRI TAL-KUNSILL**


*Ippreparat minn Ryan Debrincat*

## *1. Reviżjoni tax-Xogħlijiet*

Ser inkunu qed nagħtu ħarsa lejn ix-xogħol u l-progress li għamel il-Kunsill Lokali Il-Munxar matul l-aħħar sena ta' ħidma. Dan ir-Rapport Amministrattiv hu għas-sena 2022.

### OFFERTI GĦAL XOGĦLIJIET, MATERJAL U SERVIZZI

Matul is-sena 2022, ġew ippubblikati dawn is-sejħiet għall-offerti:

- Servizzi ta' konsulenza ta' Perit u Inġinier għall-proġetti fil-lokalita';
- Provvediment u kunsinna ta' *lava planters*;
- Xogħol ta' sistema ta' dwal ġdida fi Ġnien il-Professur Ġuże' Aquilina;
- Servizz ta' tbattil ta' bins mill-i*smart waste depots* fix-Xlendi.

### IL-ĦIDMA TAL-KUNSILL

Bħal kull Kunsill Lokali ieħor f' Malta u f'Għawdex, il-Kunsill tal-Munxar huwa responsabbli minn diversi funzjonijiet obbligatorji u dawn huma fost l-oħrajn:

- Il-ġbir tal-iskart domestiku, riċklabbli u tal-ħġieġ bieb bieb;
- Servizz ta' ġbir tal-iskart goff;
- *Bring-in site* għas-separazzjoni tal-iskart fix-Xlendi;
- It-tindif u ż-żamma fi stat tajjeb tat-toroq, il-latrini pubbliċi, il-ġonna u l-postijiet ta' rikreazzjoni, is-sinjali u l-marki tat-traffiku;
- It-tiswija tal-lampi tat-toroq;
- Komunikazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti biex isiru xogħlijiet u proġetti kif ukoll estensjoni ta' xi servizzi fil-lokalita`;
- Organizzazzjoni ta' attivitajiet kulturali, sportivi u edukattivi;
- Tħaris tal-ambjent naturali u urban tal-lokalità.

## *1. Reviżjoni tax-Xogħlijiet*

### ĦIDMA SOĊJALI

Ser insemmu wħud mill-attivitajiet li ġew organizzata fil-qasam soċjali, Din is-sena l-attivitajiet kienu limitati wkoll minħabba l-pandemija tal-COVID 19 speċjalment fl-ewwel kwart tas-sena:-

- Ħarġiet kulturali f'Malta u f'Għawdex għan-nies u t-tfal tal-lokalita`;
- *Streaming* tal-laqgħat *online*;
- Fix-xhur tas-sajf, ġiet organizzata l-Fjakkolata Tradizzjonali fix-Xlendi;
- Fakkarna Jum Il-Munxar, it-12 ta'Diċembru. Saret quddiesa fil-Knisja Parrokkjali tal-Munxar u wara serata tal-okkażżjoni fiċ-Ċentru Parrokkjali. Din is-sena bħal kull sena ingħata l-premju Ġieh Il-Munxar kif ukoll rikonoxximent lill-membri tal-Kumitat tal-Munxar Falcons FC f'għeluq il-ħamsin anniversarju mit-twaqqif tal-klabb;
- Tiżjin ġdid tal-Milied fit-toroq tal-Munxar u tax-Xlendi;
- Kunċert mużikali fil-jiem ta' qabel il-Festa ta' San Pawl Nawfragu fil-Pjazza tal-Knisja bis-sehem ta' 'D Capitals Big Band';
- Kunċert mużikali taħt it-tinda fil-Pjazza tal-Knisja bis-sehem tal-'Gozo Youth Band Orchestra';
- Attivita' tal-Milied taħt it-tinda fil-Pjazza tal-Knisja bis-sehem ta' korijiet, żeffiena u solisti;
- *Meet & Greet* taħt it-tinda fil-Pjazza tal-Knisa b'diversi karattri animati tal-Milied u logħob għat-tfal;
- Tqassim ta' rigali għat-tfal minn *Father Christmas* wara inizjattivi ġdida bl-isem 'Ittra lill-Father Christmas';
- Tqassim ta' ikla b'xejn lill-anzjani li jgħixu waħedhom nhar Jum il-Milied;
- Attivita' fl-okkażjoni tal-World Clean Up Day;
- B'kollaborazzjoni mal-għaqdiet volontarji tal-lokalita' ġiet organizzata r-raba' edizzjoni ta' *Xlendi Sunset Festival*;
- Ġie organizzat kors tal-presepju maqsum fuq tlett sessjonijiet;
- Ġiet organizzata ġita fl-Italja b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Reġjonali Għawdex;
- Saret l-ewwel edizzjoni tal-*Fireworks and Gastronomy Festival* permezz ta' fondi ewropej.

## 1. *Reviżjoni tax-Xogħlijiet*

**PROĠETTI U XOGĦLIJIET OĦRA**

- Matul is-sena 2022 tlesta x-xogħol ta' pavimentar u tisbieħ fl-aħħar parti tal-proġett tal-Pjazza tal-Knisja fil-Munxar b'għajnuna finanzjarja mill-Ministeru Għal Għawdex;

- Beda u tlesta x-xogħol ta' restawr u rijabilitazzjoni tal-intern tat-Torri tax-Xlendi li jinkludi *interpretation visitor's centre* ġdid u sistema ta' pannelli fotovoltajiċi b'ko-finanzjament ta' fondi ewropej;

- Tlesta u ġie nawgurat ix-xogħol ta' riġenerazzjoni tax-Xelters tal-Gwerra fil-Pjazza tal-Knisja b'għajnuna finanzjarja mill-Ministeru Għal Għawdex;

- Beda u tlesta x-xogħol ta' tisbieħ fl-inħawi ta' Triq L-Isqawi b'ko-finanzjament ta' fondi ewropej;

- B'ko-finanzjament ta' fondi ewropej beda u tlesta x-xogħol ta' restawr ta' diversi ħitan tas-sejjieħ fil-lokalita' fosthom fi Triq Tax-Xadba, Triq Santa Dminka, Triq L-Isqawi, Triq it-Tempju Megalitiku u fl-inħawi ta' Sanap Cliffs;

- Ġie konkluż il-proġett b'ko-finanzjament ta' fondi ewropej flimkien ma' Munxar Falcons FC u Otters ASC fejn inbidlu s-*safety mats* ta' Ġnien il-Professur Aquilina, inbidel it-*turf* sintetiku tal-grawnd tal-Munxar, kif ukoll saret 'Swim Polo Campaign' fil-bajja tax-Xlendi u diversi bajjiet oħra madwar Għawdex;

- Beda x-xogħol ta' manutenzjoni estensiva fi Ġnien il-Professur Ġuże' Aquilina li tinkludi *playhouse* ġdida u sistema ġdida ta' dwal f'dan il-ġnien b'għajnuna finanzjarja mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali;

- Żbir ta' diversi siġar u qtugħ ta' ħaxix fil-lokalita';

- Xogħol ta' żamma u manutenzjoni fil-Wied tax-Xlendi;

## *1. Reviżjoni tax-Xogħlijiet*

- Bini ta' *storm water culverts*;
- Manutenzjoni ta' ġonna u *soft areas*;
- Kostruzzjoni ta' diversi bankini fil-Munxar u fix-Xlendi;
- Bdilna għadd ta' tabelli tat-traffiku u ta' informazzjoni;
- Bdilna diversi mirja tat-traffiku miksura u waħħalna oħrajn ġodda;
- Fuq talbiet ta' residenti, waħħalna numru ta' bozoz ġodda;
- Flimkien mal-ħaddiema tal-Beach Cleaning Section fi ħdan il-Ministeru Għal Għawdex saru x-xogħlijiet ta' manutenzjoni fil-bajja tax-Xlendi;
- Sar xogħol ta' *patching* fil-Munxar u fix-Xlendi.

Dawn ix-xogħlijiet huma biss uħud mix-xogħlijiet li l-Kunsill Lokali Il-Munxar kien impenjat jaħdem fuqhom matul din l-aħħar sena ta' ħidma. Nemmnu li dawn ix-xogħlijiet u oħrajn għenu biex kompla jitjieb l-ambjent kemm fil-Munxar kif ukoll fix-Xlendi.

IFFIRMATA
**Damien Spiteri**
**Sindku**

IFFIRMATA
**Ryan Debrincat**
**Segretarju Eżekuttiv**

# ATTENDENZA FIL-LAQGĦAT

## KUNSILL LOKALI Il-MUNXAR

Numru ta' laqgħat fis-sena 2022: 17

| Pożizzjoni | Attendenza tal-Laqgħat |
|---|---|
| **Sindku** | |
| Damien Spiteri | 100% |
| **Viċi-Sindku** | |
| Carmela Parnis | 94% |
| **Kunsilliera** | |
| Joseph Cauchi | 59% |
| Mark Busuttil | 71% |
| Juliet Attard | 76% |
| **Segretarju Eżekuttiv** | |
| Ryan Debrincat | 100% |

## *3. Varjazzjonijiet Fid-Dħul u l-Infieq*

### 3.1 L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet Konsolidati tad-Dħul u l-Infiq

| | a | b | c | a-b/b-a | a-c/c-a |
|---|---|---|---|---|---|
| DESKRIZZJONI | 2022<br>ATTWALI<br>€ | 2022<br>BUDGET<br>€ | 2021<br>ATTWALI<br>€ | 2022<br>BUDGET VAR<br>€ | 2022<br>ATTWALI VAR<br>€ |
| **Dħul** | | | | | |
| Tal-Gvern | 367,584 | 321,395 | 331,833 | 46,189 | 35,751 |
| Bye-laws | 49,391 | 46,150 | 42,438 | 3,241 | 6,953 |
| Investiment | | 50 | | (50) | |
| TOTAL | **416,975** | **367,595** | **374,271** | **49,380** | **42,704** |
| **Infieq** | | | | | |
| Salarji u Pagi | 118,370 | 107,927 | 105,095 | (10,443) | (13,275) |
| Manutenzjoni u Xogħlijiet oħra | 280,854 | 210,670 | 200,207 | (70,184) | (80,647) |
| Infieq Kapitali | 167,827 | 141,762 | 83,825 | (26,065) | (84,002) |
| TOTAL | **567,051** | **460,359** | **389,127** | **(106,692)** | **(177,924)** |
| **Bilanċ** | **(150,076)** | **(92,764)** | **(14,856)** | **(57,312)** | **(135,220)** |

## 3. *Varjazzjonijiet Fid-Dħul u l-Infieq*

### 3.2 L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet fid-Dħul fid-Dettall

| DESKRIZZJONI | a<br>2022<br>ATTWALI<br>€ | b<br>2022<br>STIMA<br>€ | c<br>2021<br>ATTWALI<br>€ | a-b<br>2022<br>BUDGET VAR<br>€ | a-c<br>2022<br>ATTWALI VAR<br>€ |
|---|---|---|---|---|---|
| **Dħul** | | | | | |
| Tal-Gvern | | | | | |
| Annwali | 301,112 | 296,395 | 296,396 | 4,717 | 4,716 |
| Supplimentari | 66,472 | 25,000 | 35,437 | | 31,035 |
| Bżonnijiet Speċjali | | | | | |
| Entitajiet Pubbliċi/Governattivi | | | | | |
| Oħrajn | | | | | |
| | **367,584** | **321,395** | **331,833** | **4,717** | **35,751** |
| Bye-Laws | | | | | |
| Servizzi Komunitarji | 7,988 | 6,000 | 7,777 | 1,988 | 211 |
| Kontravvenzjonijiet ta' bye-laws | 721 | 800 | 985 | (79) | (264) |
| Kontribuzzjonijiet u donazzjonijiet | | | | | |
| Ġenerali | 40,682 | 39,350 | 33,676 | 1,332 | 7,006 |
| | **49,391** | **46,150** | **42,438** | **3,241** | **6,953** |
| Investiment | | | | | |
| Interess Bankarju | | 50 | | (50) | |
| Sigurtajiet tal-Gvern | | | | | |
| | | **50** | | **(50)** | |
| **TOTAL** | **416,975** | **367,595** | **374,271** | **7,908** | **42,704** |

## *3. Varjazzjonijiet Fid-Dħul u l-Infieq*

### 3.3 L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet fl-Infiq fid-Dettall

| | a | b | c | b-a | c-a |
|---|---|---|---|---|---|
| DESKRIZZJONI | 2022 ATTWALI € | 2022 STIMA € | 2021 ATTWALI € | 2022 BUDGET VAR € | 2022 ATTWALI VAR € |
| **Infçq** | | | | | |
| Salarji u Pagi | | | | | |
| Onorarja tas-Sindku | 10,742 | 11,000 | 10,571 | 258 | (171 |
| Salarji u pagi ta' l-impjegati | 81,293 | 70,000 | 68,769 | (11,293) | (12,524 |
| Bonus | 6,012 | 6,500 | 5,418 | 488 | (594 |
| Dħul Supplimentari | 727 | 727 | 727 | | |
| Kontribuzzjonijet ta' Sigurta Soċjali | 6,596 | 6,200 | 6,468 | (396) | (128 |
| 'Allowances' | 13,000 | 13,000 | 13,000 | | |
| 'Overtime' | | 500 | 142 | 500 | 14 |
| | **118,370** | **107,927** | **105,095** | **(10,443)** | **(13,275** |
| Manutenzjoni u Xogħlijiet oħra | | | | | |
| Dawl, ilma, telefon,etc. | 8,421 | 7,500 | 3,869 | (921) | (4,552 |
| Xiri ta' Materjal (Materials & Supplies) | 373 | 1,000 | 560 | 627 | 18 |
| Tiswijiet u manutenzjoni | 45,275 | 25,000 | 18,611 | (20,275) | (26,664 |
| Kera | 4,534 | 3,700 | 4,110 | (834) | (424 |
| Sħubija f'Assoċjazzjonijiet Int. | 840 | 750 | 500 | (90) | (340 |
| Spejjeż tal-Uffiċċju | 6,794 | 3,500 | 3,736 | (3,294) | (3,058 |
| Trasport | 961 | 3,000 | 1,728 | 2,039 | 76 |
| Vjaġġar/safar | | | | | |
| Informazzjoni għall-Pubbliku | 120 | 900 | 110 | 780 | (10 |
| Servizzi b' Kuntratt | 93,344 | 131,620 | 113,597 | 38,276 | 20,25 |
| Servizzi Professjonali | 26,540 | 18,000 | 17,400 | (8,540) | (9,140 |
| Training | | 900 | | 900 | |
| Ospitalita u servizzi lill-Komunita` | 93,322 | 7,500 | 35,474 | (85,822) | (57,848 |
| Spejjeż Inċidentali | 330 | 7,300 | 512 | 6,970 | 18 |
| | **280,854** | **210,670** | **200,207** | **(70,184)** | **(80,647** |
| Infieq Kapitali | | | | | |
| Xiri ta' proprjeta` | | | | | |
| Bini | | | | | |
| Titjib | 41,037 | 15,000 | 13,078 | (26,037) | (27,959 |
| Makkinarju u Apparat | 1,312 | 10,000 | | 8,688 | (1,312 |
| Proġetti Speċjali | 125,478 | 116,762 | 70,747 | (8,716) | (54,731 |
| | **167,827** | **141,762** | **83,825** | **(26,065)** | **(84,002** |
| **TOTAL** | **567,051** | **460,359** | **389,127** | **(106,692)** | **(177,924** |

## *4. Dikjarazzjoni Rikonċiljatorja Bankarja*

### Kont HSBC Bank Account 071-115034-001

| | |
|---|---|
| **Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank** | 685,027.42 |
| Għodd id-depożiti li saru sal-31 ta' Diċembru 2022 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank | |
| Naqqas il-*withdrawals* li saru li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank | 45,410.50 |
| **Bilanċ Nett tal-Bank** | **730,537.92** |

| | |
|---|---|
| **Bilanċ fil-Ktieb tal-Bank fil-31 ta' Diċembru 2022** | 658,553.42 |
| Għodd l-interess li tħallas sal-31 ta' Diċembru 2022 | 0 |
| Naqqas ic-*charges* imħallsa sal-31 ta' Diċembru 2022 | 0 |
| **Bilanċ Nett tal-Bank** | 658,553.42 |

### Kont Bank of Valletta Savings 12415297027

| | |
|---|---|
| **Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank** | 6,711.39 |
| Għodd id-depożiti li saru sal-31 ta' Diċembru 2022 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank | 0 |
| Naqqas il-*withdrawals* li saru li ma jidhrux fuq id-Dikjarazzjoni tal-Bank | 0 |
| **Bilanċ Nett tal-Bank** | 6,711.39 |

| | |
|---|---|
| **Bilanċ fil-Ktieb tal-Bank fil-31 ta' Diċembru 2022** | 6,711.39 |
| Għodd l-interess li tħallas sal-31 ta' Diċembru 2022 | 0 |
| Naqqas ic-*charges* imħallsa sal-31 ta' Diċembru 2022 | 0 |
| Bilanċ Nett tal-Bank | 6,711.39 |

**Carmela Parnis**
**Rapport Kunsill Lokali 2022**

- **Indafa**

Bhal kull sena l-indafa tal-lokalita' tkun prijorita ghal kunsill. Matul din is-sena gewwa il-lokalita kien isir il-gbir tal-iskart regolari minn wara il-bieb tad-djar tan-nies, kif ukoll il-gbir tal-hgieg bieb bieb fil-Munxar u ix-Xlendi. Bhala kunsill bqajna noffru wkoll is-servizz tat-trakk Sort it out gewwa iz-zewg lokalitajiet. Provdejna wkoll lir-residenti boroz sabiex jintuzaw ghall-gbir tal-skart organiku. Barra minn hekk ukoll matul is-sena noffru ukoll il-gbir tal-iskart goff minn wara il-bieb tad-djar dan isir kull nhar tlieta u permezz ta avviz minn ghand ir-residenti. Kull filghodu jkun hemm ukoll is-servizz tal-kennisa madwar il-lokalita'. Bhala kunsill organizzajna wkoll *Earth Day Cleanup,* li saret fl-24 t'April 2022, fejn naddafna bosta skart li gie mormi gewwa l-widien tar-rahal taghna kif ukoll skart li gie mormi fil-bahar tax-Xlendi. Il-Kunsill Lokali b'kollaborazzjoni shiha mall-LESA kif ukoll GreenMT ghadu kif installa kameras fil-parkegg tax-Xlendi sabiex tigi ssorveljata z-zona ta' fejn il-Bring in Sites. Din hija wahda min serje ta' mizuri li l-Kunsill Lokali ha f'dan ir-rigward u konvint li din il-mizura ser tghin sabiex nibqghu nnaqsu ir-rimi ta' skart illegali f'din iz-zona.

- **Anzjani**

Bhala kunsill hadna hsieb li nzommu f'mohhna lill-anzjani, kien ghalhekk li bhala kunsill organizzajna harga ghal-anzjani fit- 8 ta' Dicembru 2022 fejn setghu igawdu diversi postijiet madwar Ghawdex fosthom il-monti tan-Nadur u l-mithna tax-Xewkija. Il-Kunsill Lokali inghaqad mar-Regjun Ghawdex sabiex titqassam ikla nhar il-Milied lil dawk l-anzjani, morda, persuni vulberabbli jew dawk li jghixu wahedhom. Harga ghal-Malta nhar it-29 ta' Dicembru 2022 fejn daru hafna postijiet interresanti.

- **Manutenzjoni generali**

Bhal kunsill hdimna biex il-manutenzjoni gewwa ir-rahal taghna tibqa ghaddeja matul is-sena kollha. Ezempju ta' manutenzjoni matul is-sena huma il-bini tal-hitan tas-sejjieh li kienu jigu mwaqqa minhabba kawziet naturali. Barra minn hekk kellna wkoll fondi Ewropej biex nirrangaw diversi hitan tas-sejjieh madwar ir-rahal ezempju fid-dahla tar-rahal u gol-passaggi tal-ghallieqi tal-madwar. Fondi Ewropej ohra gew uzati ghal manutenzjoni tal-bandli tar-rahal, fejn inbidlet il-*play house* kif ukoll it-tapiti kollha tal-bandli. Tinghata iz-zebgha lil bankijiet li hawn gewwa il-lokalita. Ir-rapporti tal-bozzoz tat-triq li ma kienux jkunu jahdmu ahna bhala kunsill konna nirrapurtaw f'waqta din il-hsara halli tigi rrangata minghajr dewmien. Manutenzjoni tal-bankini gewwa ir-rahal fejn jkun hemm bzonn.